**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN**
**Nru. 08/02/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 08/2015***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 21 ta' April 2015**

**Ħin: Fis-5.45 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Frank Fenech – Deputat Chairperson**
- **Is-Sur Martin Cefai – Membru**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Marija Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 07/2015

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 07/2015

Ma tqajjmux punti mill-Minuti bin-nru. 07/2015.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra mibgħuta minn Joseph Cordina dwar ħsara fil-vettura tiegħu kawża ta' ħofra fi Triq il-Qbajjar. Ġie deċiż li ngħaddu t-talba ta' Cordina lill-Kumpanija tal-Assigurazzjoni.

Ittra mibgħuta mill-Av. Damian Bigeni għan-nom ta' Ignatius Sultana dwar ħsara fil-vettura ta' Sultana kawża tal-kundizzjoni li fiha tinsab Triq il-Forn. Ġie deċiż li ngħaddu t-talba ta' Sultana lill-Kumpanija tal-Assigurazzjoni.

Ittra ta' approvazzjoni mibgħuta minn Transport Malta dwar il-proposta biex isir *un/loading bay* fi Triq il-Qolla s-Safra.

Ittra mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kummerċ dwar il-Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Intrapriża 2015.

Komunikat tal-Perit Scerri dwar il-proġett ta' pavimentar fi Triq Ulisse. Il-Kumitat qabel li l-kurduna tal-bankina tkun tal-konkos, kif għamel sa issa f' Marsalforn u oġġezzjona li togħla t-triq fil-parti dejqa tat-triq minħabba l-qlib tal-ilma tax-xita. Is-Segretarja Eżekuttiva ser tgħarraf lill-Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b' dan.

Stima tal-Perit Scerri biex isir passaġġ ġdid tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn. Il-Kumitat iddeċieda li jagħmel sejħa għal kwotazzjonijiet u jagħti ħmistax-il ġurnata żmien biex jissottomettu l-kwotazzjonijiet minħabba l-urġenza tax-xogħol.

Ittra mibgħuta mill-Malta Tourism Authority dwar applikazzjoni għal permess għall-kiri ta' *sunbeds* u *umbrellas* fil-Bajja ta' Għar Qawqla. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet mill-Kumitat.

Ittra ta' Jean Paul Portelli dwar l-applikazzjoni tiegħu għal permess temporanju għal twaqqif ta' posta / gabbana f' Marsalforn.

Il-Kumitat unanimament qabel li ma jintramawx *hawkers* fuq art pubblika f' Marsalforn minħabba l-problema tal-*parking*. Is-Sindku ssuġġerixxa li tinżamm laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex dwar il-kwistjoni tal-*hawkers*.

**SEJĦA GĦAL KWOTAZZJONIJIET**

Kwot. Nru. 01/2015 Provvista u konsenja ta' żebgħa ta' barra (żebgħa taż-żejt u żebgħa tal-ħitan).

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet il-kwotazzjonijiet mitfugħa għall-provvista ta' żebgħa.
Intefgħu żewġ kwotazzjonijiet, bil-valur ta':

| | Bitmac Works Ltd | Rapa Showrooms Co Ltd |
|---|---|---|
| **Żebgħa taż-żejt** | | |
| 1ltr | | €7.00 |
| 2.5ltrs | €23.01 | €15.40 |
| 5ltrs | | €28.30 |
| **Żebgħa tal-ħitan** | | |
| 5ltrs | | €15.40 |
| 10ltrs | | €28.40 |
| 15ltrs | €40.00 | €36.00 |

Il-Kumitat għażel il-kwotazzjoni ta' Rapa Showrooms Co Ltd li kienet l-irħas waħda.

## 5. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. KAM 06/2015 – is-Sur George Sacco**
Talab biex isiru *double yellow lines* fuq kull naħa tal-garaxx tal-appartamenti 'Sawrell Flts' fi Triq is-Sajjied. Gie deċiż li ssir *site visit* mill-Kumitat.

**Nru. KAM 07/2015 – is-Sur Joseph Tabone**
Issuġġerixxa li jsir *water culvert* quddiem Neptune's Crt fi Triq il-Qolla s-Safra. Kien miftiehem li ssir *site visit* mill-Kumitat.

**Nru. KAM 09/2015 – il-Viċi Chairperson Frank Fenech**
Biex jitpoġġew żewġ bankijiet oħra faċċata tal-ATM tal-BOV fuq il-*promenade*. Kien maqbul li ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex biex jitpoġġew ħames bankijiet oħra fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.

**Nru. KAM 11/2015 – is-Sinj. Claudette Mercieca**
Talbet biex isir it-traqqiegħ ta' ħofor fl-*area* tal-Ponta ta' Santa Marija, fuq il-*breakwater*. Il-Kumitat approva x-xogħol ta' traqqiegħ; isir minn Pawlu Saliba.

## 6. MATERJA OĦRA

Dwar id-*disabled parking bay* li nżebgħu quddiem 53, St Paul Crt fi Triq Sta Marija, iċ-Chairperson qalet Transport Malta għandha tingħata tlett ijiem żmien biex tirregolarizza l-*bay* u fin-nuqqas, dan jiġi mgħotti mill-ħaddiema tal-Kunsill.

Gie deċiż li l-Pulizija tintalab tiċċekkja l-permessi tal-van tal-ġelat Champion.

Il-Kumitat approva dawn ix-xogħlijiet:

- tiswija tal-bankina tar-residenza 'Vic Mar', Triq il-Wied.
- it-twaħħil ta' sitt *litterbins* ġodda fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.
- bdil ta' mera tat-traffiku miksura fi Triq ix-Xagħra.

Dwar il-*parking* li jsir fuq il-*promenade* ta' Marsalforn, kien miftiehem li tintalab kwotazzjoni għal provvista ta' *bollards*.

Iċ-Chairperson ipproponiet lis-Sur Simon Salamone Reynauld 407094M għal post battal ta' membru fil-Kumitat. Il-Kumitat unanimament qabel man-nominazzjoni mressqa miċ-Chairperson.

Gie deċiż li jsiru rapporti mal-Pulizija dwar:

- tabella fuq il-bankina quddiem Maurice Gelateria fi Triq l-Isqof Pace.
- armar ta' *scaffolding* bla permess fi Triq il-Qbajjar kantuniera ma Triq ir-Rabat.

Is-Sindku ppropona l-*bring-in site* ta' Triq il-Forn ikun trasferit għal Triq il-Qbajjar, f' dik il-parti tat-triq faċċata ta' Triq il-Qolla s-Safra. Il-Kumitat oġġezzjona għall-proposta mressqa mis-Sindku.

## 7. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.15 ta' filgħaxija. Il-Kumitat aġġorna għat-Tlieta, 2 ta' Gunju 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Marija Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***



DT